14 ta' Frar, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Luigi Astarita *versus* Michael Grech ne.

**Bejgħ — Garanzija — Difetti fl-Oġġett Mibjugħ.**

*Min ibiegħ apparat bil-garanzija li l-apparat għandu jaħdem sewwa għal ċertu żmien, għandu jirrispondi għall-fatt li l-apparat ma jaħdimx sewwa anki jekk il-fatt li l-apparat ma jaħdimx sewwa ma jkunx dovut għal xi ħaġa inerenti għall-istess apparat, imma jkun dovut għall-fatt li l-apparat ma jaħdimx sewwa fiċ-ċirkustanzi tal-lokalità li għaliha ġie ordnat, meta l-bejjiegħ kien jaf b'dawk iċ-ċirkustanzi tal-lokalità u b'dana kollu iggarantixxa l-apparat.*

L-attur f'din il-kawża ppremetta illi hu xtara minn għand il-konvenut nomine apparati ċinematografiċi, fosthom Nevelin Arc Rectifier; illi l-konvenut kien obliga ruħu li sa żmien sena mit-23 ta' Settembru 1948 huwa jirtira dan ir-Rectifier biex jirriparah jew jirrimpjazzah, jekk fil-perijodu tal-garanzija r-Rectifier jinsab b'xi difetti; illi l-imsemmi Rectifier instab difettuż u baqa' difettuż, anki wara li l-konvenut biddel xi ħaġa fih; u illi l-konvenut ma jridx jimxi skond l-obligazzjoni tal-garanzija minnu assunta, għaliex qiegħed jallega li d-difetti ġew kawżati minn maniġġar ħażin; u talab li jiġi dikjarat u deċiż illi d-difetti eżistenti fl-imsemmi Nevelin Rectifier fil-perijodu tal-garanzija huma koperti mill-obligazzjonijiet assunti mill-konvenut fl-istess garanzija; u illi l-konvenut ikun kundannat biex, fi żmien perentorju, jirtira l-imsemmi Rectifier u jirriparah jew jirrimpjazzah skond il-bżonn u għat-termini ta' l-istess garanzija. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-24 ta' Settembru 1949, kontra l-konvenut, inġunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, dina l-Qorti kkunsidrat;

L-espert nominat mill-Qorti ġie għall-konklużjoni li, għalkemm l-apparat proprjament ma hux difettuż, però għandu bżonn ta' bulb ġdid u li t-"Tappings" jiġu regolati għa-

(*) Konfermata fl-Appell, 4. 6. 1951.

lih. Sab ukoll li, jekk il-kurrent tal-linja tal-"mains" ikompli jvarja, kif qiegħed jagħmel, ikun hemm bżonn ta' "variable transformer" biex ir-Rectifier jista' jaħdem;

Issa l-pont hu jekk il-konvenut hux tenut jipprovdi għal dawn iż-żewġ affarijiet taħt il-garanzija minnu mogħtija bil-miktub, kif jidher mid-dokument fil-fol. 4;

Kwantu għall-bulb, dan jinsab miksur, għax imxaqqaq mad-dawra ta' l-"evacuating tube", u b'hekk daħlet l-arja li tirrendih ħażin (fol. 87)........... Ma hemm xejn fil-proċess li jilleġittima l-konklużjoni li l-bulb intlaqat min-nies ta' l-attur. Dan ċertament ma jistax jagħmel il-prova negativa, u, kif ingħad, ebda "adminiculum probationis" ma jawtorizza lill-Qorti li tiġi għall-konklużjoni li ntlaqat..............;

Il-kontest tal-garanzija bil-miktub fol. 4 huwa pjuttost favur l-interpretazzjoni illi, biex min qed jagħti dik il-garanzija jkun eżent, għandu jipprova xi każ li jaqa' taħt il-klawsola ta' eżoneru;

Għalhekk il-Qorti tirritjeni li l-bulb għandu jiġi fornut mill-konvenut;

Kwantu għall-"auto-transformer", dan normalment ma jiffurmax parti mill-installazzjoni ta' l-apparat, għaliex huwa misteenni li l-apparat jirċievi l-kurrent kif dovut, jiġifieri li ma jvarjax iżjed mill-ħamsa fil-mija, u għal din il-varjazzjoni r-Rectifier hu ġa provvist b'tappings. Ir-Rectifier ma jistax però jaħdem sewwa, jekk il-linja tinżel taħt il-180 volts. Fil-fatt, hawn Malta, il-linja tinżel ma 150 volts, u għalhekk sar neċessarju "auto-transformer" biex jikkoreġi l-"Input" u jġib dan l-"Input" qrib it-200 volts, għall-anqas 180 volts;

Hawn issa jidħol il-pont jekk il-konvenut għandux jirrispondi għal fatt li ma hux dovut għal xi ħaġa inerenti għall-apparat; għaliex dan, bil-bulb il-ġdid li jkun provvdut, jaħdem sewwa dment li l-kurrent ikun sewwa, mentri hawn Malta, għal ħabta ta' bejn is-sitta u nofs u t-tmienja ta' filgħaxija, il-kurrent tal-"mains", jiġifieri l-linji tal-Gvern, jitbaxxa ferm, u xi drabi, minn 200 volts kif suppost li għandu jkun, jinżel għal 150 volts. Meta l-"Arc" tar-Rectifier ikun ġà mixgħul qabel dak il-ħin, jibqa' jaħdem anki bil-kurrent baxxut, imma, jekk jiġi mitfi, ma jkunx jista' jerġa' jistartja bil-kurrent hekk baxx;

Issa hawn tidħol ċirkustanza importanti ħafna. Għalkemm l-apparat inbiegħ fl-1947, il-garanzija saret wara żmien; saret fl-20 ta' Ottubru 1948. Id-data tal-garanzija hi ta' importanza, għaliex fil-21 ta' Mejju 1947 il-konvenut (li għamel din l-operazzjoni in testa proprja) kien irċieva ittra mid-dar ta' barra (fol. 45), fejn qaltlu hekk :— "The mains voltage must be raised to, at the very least, 180 volts, or it will be impossible to ensure that the equipments will work satisfactorily. We would suggest that you endeavour to obtain an auto-transformer to connect between the A.C. mains and the rectifier equipments in order to step up this voltage..............." Mela jiġi li meta l-konvenut assuma l-garanzija fol. 4, hu diġà kien jaf li, ladarba fil-"mains" ta' Malta kien hemm dan id-difett, allura mingħajr "auto-transformer" ir-Rectifier kien jibqa' mhux soddisfaċenti. Assuma dik il-garanzija avvolja kien jaf b'dan. Kwindi wieħed għandu jikkonkjudi li, ġà ladarba hu kien qed jiggarantixxi l-apparat, u ried jiggarantih non ostanti dan id-difett fil-"mains" ta' Malta, hu ried jipprovdi wkoll għal dak id-difett bil-mod li, wara dik l-ittra tad-dar ta' barra, bilfors kien jaf x'inhu, ċjoè bl-"auto-transformer". Diversament hu loġiku li wieħed jaħseb li l-konvenut kien jagħmel riżerva in propożitu fl-iskrittura tal-garanzija, jew almenu kien jinkludi l-każ tal-kurrent baxx mal-każijiet l-oħra kompriżi fil-klawsola ta' eżoneru f'dik l-iskrittura; mentri dan il-każ ma hux inkluż;

Hemm anki konsiderazzjoni oħra importanti. Il-konvenut kien jaf li l-apparat kien destinat biex jiffunzjona hawn Malta. Kien jaf, jew kien imissu jaf, b'dan id-difett tal-"main" ta' Malta. Bħala fornitur ta' apparat speċjali u tekniku, hu loġiku li hu għandu jieħu ħsieb li jara li dan l-apparat jista' jiffunzjona anki fiċ-ċirkustanzi lokali. Hu loġiku wkoll li wieħed jirritjeni li x-xerrej ma riedx jixtri apparat inutili; u l-apparat hu inutili, anki jekk in sè perfett, jekk ma jistax jiffunzjona fil-kondizzjonijiet lokali. F'każijiet simili hemm implikata l-assikurazzjoni li l-bejjiegħ qed jipprovdi apparat li jista' jiffunzjona hawn Malta. Każ simili ġie kkunsidrat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Vella vs. Muscat", deċiża fid-9 ta' Novembru 1931, fejn intqal illi "un macchinario ordinato, per quanto sia intrinsecamente buono,

non è a ritenersi fornito ai termini del contratto, se è inetto a collocamento per il proprio e regolare funzionamento nelle circostanze di località per le quali venne ordinato; e ciò ancorchè il compratore ne avesse preventivamente approvate le specificazioni sottomesse";

Għalhekk l-Imħallef sedenti jaħseb li, ladarba l-garanzija ġiet assunta wara li l-konvenut kien jaf li bla "auto-transformer" l-apparat ma jkunx jista' jaħdem sewwa, u ladarba hu rikonoxxut il-prinċipju fuq spjegat, hu obligu tal-konvenut li jipprovdi l-"auto-transformer";

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiddikjara li l-provvista ta' bulb ieħor u ta' "auto-transformer" taqa' taħt il-garanzija assunta mill-konvenut;

Billi tikkundanna lill-konvenut jirripara d-difetti billi jipprovdi spejjeż tiegħu bulb ġdid u "auto-trasformer"; u tipprefiġġi għal dan l-iskop żmien ħmistax mil-lum;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut nomine.